# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' April 2017**

**Numru: 3**

**Rikors Numru: 203/13 RM**

**Carlo sive Charles Bartolo**

**v.**

**Theresa sive Therese Bartolo**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) moghtija fis-26 ta' Mejju 2016 li qed tigi riprodotta ghall-ahjar intendiment;

> "Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-
>
> "Premess illi ssir referenza ghall-Awtorizzazzjoni sabiex tinfetah din il-kawza li nghatat fit-23 ta' Settembru 2013.
>
> "Premess illi l-kawza qed tittratta fuq zewg livelli u cioe' fl-ewwel livell in-nullita' tal-kuntratt tas-separazzjoni; u fit-tieni livell fl-eventwalita' li l-

Qorti tghid li ma hemmx nullita', il-Qorti xorta ghandha tirrievalwa l-kundizzjoni tal-Kuntratt tat-18 ta Gunju 2012 minhabba li huwa ovvju li certu kundizzjonijiet ir-rikorrenti zgur ma kienx normali u f' sensieh biex iffirma ghalihom.

“Premess illi l-intimata / konvenuta kisret vjolentarnent l-Artiklu 37 fl-intier tieghu tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta w anke hija hatja ta' "Vjolenza Domestika" purche fis-sitwazzjoni odjerna ma hemm ebda htiega li xi hadd jigi ordnat jallontana ruhu mid-Dar Matrimonjali billi l-partijiet kontendenti jirrisjedu f' indirizzi separati kwantu ghar-rikorrenti / attur jghix fir-residenza ta' ommu u kwantu ghall-intimata / konvenuta tghix f' residenza li tikri f' Numru 84, Triq in-Nahal gewwa l-Mellieha (ommissis; flimkien ma' uliedha) li huma Naomi li llum ghandha erbatax-il sena, Jean Carlo li llum ghandu tnax-il sena u Nolan Franz li llum ghandu ghaxar snin.

“Premess illi l-qofol ewlieni ghal dak li huwa mertu f'din il-kawza huwa l-Artiklu 38 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta peress illi l-intimata / konvenuta wettqet adulterju ma' diversi rgiel partikolarrnent ma' dan il-persuna li jismu Antoine Camilleri u li jmexxi restaurant bar maghruf bl-isem ta' B-Bar gewwa Bugibba.

“Premess illi bazikament ir-Rikorrenti l-Attur qieghed jghid li huwa ma kellux il-kunsens hieles meta ffirma dak il-Kuntratt il ghaliex kien qed jigi effettivament irrikattat mill-intimata / konvenuta billi ma kienx hemm kawza lecita biex wiehed jobbliga ruhu minhabba l-intenzjoni li jigi frodat l-istat; wiehed hawn jirreferi ghall-Artiklu 966, sub-incizi (b) u (d) tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta imma hemm dubju wkoll serju dwar l-Artiklu 966, sub-inciz (a) il ghaliex jekk niffukaw fuq il-kontenut ta' l-affidavit mehmuz fir-raba taqsima ta' din il-kawza, persuna li minghajr ma jkun jaf mija fil-mija ezatt x' qed jaghmel imma anke jekk ikun jaf jiffirrna bl-intenzjoni li din tkun l-ahhar haga illi ghamel qabel ma jnehhi hajtu b' idejh, dak jigi persuna kapaci biex jikkuntratta?

“Premess illi wkoll b' referenza ghal dan l-Artiklu 7, ir-Rikorrenti / Attur qieghed jintrabat illi kull xahar jista' jkun obbligat li jhallas lill-mara tieghu adultera fuq ammissjoni taghha stess (fil-fatt hija rrinunzjat ghal manteniment minhabba d-dekadenza - kelma 1i r-rikorrenti / attur lanqas kellu idea xi tfisser meta allegatament iffirma dan il-kuntratt) u dana r-ragel isib lilu nnifsu "ikkundannat" li jhallas massimu ta' sitt mija u hamsin ewro (€650) fix-xahar lill-mara tieghu ghan-nom tat-tliet ulied minuri w anke ghall-kera tad-dar fejn minn zmien ghal zmien tista' tiddeciedi li tghix il-mara tieghu.

“Premess illi ghaldaqstant ir-rikorrenti / attur qed jitlob lil din il-wisq Onorabbli Qorti biex tiddikjara abbazi ta' ragunijiet legali f'inkwadratura ta' fatti partikolari li l-kuntratt tal-firda legali konsenswali tat-18 ta' Gunju, tas-sena 2012 ghandu jigi ddikjarat null w invalidu, ineffettiv u mhux enforzabbli abbazi tar-ragunijiet li gew sottomessi fl-affidavit tar-rikorrenti / attur Dokument CB 1 u abbazi ta' dak elaborat fil-premessi

hawn fuq suesposti fl-inkwadratura ta dak li tghid il-Ligi dwar il-kuntratti u b' alternattiva jekk il-Qorti jidhrilha mod iehor illi l-Qorti tibdel l-andament ta' din il-kawza f'wahda ta' firda legali ordinarja fis-sens illi jekk il-Qorti taqbel li l-kuntratt huwa null w invalidu, minflok jinhela l-hin u jsiru spejjez doppji bi proceduri godda, il-Qorti alternattivament tghaddi biex tiddikjara u timponi l-kundizzjonijiet il-godda abbazi tal-provi li jigu mressqa dwar il-firda legali tal-partijiet kontendenti stante li dawn ghad baqghalhom ftit snin ohra qabel jkunu jistghu jxolju z-zwieg permezz tal-procedura tad-divorzju skont il-Ligi, kif imnaqqxa fil-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Kodici Civili kif gie emendat.

"Premess dan kollu, tghid il-konvenuta / intimata Teresa maghrufa bhala Therese Bartolo, mart l-imsemrni Charles sive Carlo Bartolo, u li ghandha n-Numru tal-Karta ta' l-Identita' 109670M u li llum tirrisjedi fl-indirizz 84, Triq in-Nahal gewwa l-Mellieha, ghala din l-Onorabbli Qorti m ' ghandhiex tevalwa, tidderigi, tiddikjara u tordna illi:-

"(a) Illi prevja r-referenza ghall-Kuntratt datat 18 ta' Gunju tas-sena 2012, in Atti Nutar Dr Joseph Abela insinwat nhar it-28 ta' Gunju, 2012, bhala Kuntratt ta' Firda Personali bin-Numru Referenzjali 10590/2012, dana ghandu jigi ddikjarat null w invalidu ineffettiv u mhux enforzabbli ghal ragunijiet validi skont il-Ligi partikolarment ragunijiet li jaghmlu Kuntratt ta' dan il-generu, validu, effettiv w enforzabbli fil-Ligi u dana ghal ragunijiet li jirrizultaw lil din il-wisq Onorabbli Qorti fil-mori ta' din il-kawza nkluz il-kontenut kollu tar-Rikors Guramentat u Atti Processwali ohra li jirrizultaw fl-andament ta' din il-Kawza;

"(b) Jekk din il-wisq Onorabbli Qorti tikkonferma li mill-provi mressqa tali Kuntratt tat-18 ta' Gunju, tas-sena 2012 in Atti Nutar Dr Joseph Abela bejn il-partijiet kontendenti li rispettivament ghandhom in-Numru tal-Karta ta' l-Identita' 314870M u 109670M li hemm gustifikazzjoni li tali kuntratt jigi ddikjarat null w invalidu, ineffettiv u mhux enforzabbli, allura din il-wisq Onorabbli Qorti ghandha tordna r-rexissjoni ta' dana l-Kuntratt partikolari u tinnotifika lill-Awtoritajiet Kompetenti fosthom lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, lid-Direttur ta' l-Artijiet li tali Kuntratt insinwat nhar it-28 ta' Gunju 2012, bin-Numru Referenzjali 10590/2012, fit-taqsima firda personali u li kopja tieghu ddahlet il-Qorti nhar is-26 ta' Gunju, 2012, jigi formalment rexiz salv ghal dak li din il-wisq Onorabbli Qorti sejr tipprova abbazi ta' talbiet ulterjuri f' din il-Kawza odjerna;

"(c) Konsiderando li l-Intimata/Konvenuta ddikjarat quddiem diversi nies fosthom l-Avukat sottofirmat, u l-Medjatrici Carmen Spiteri, illi hija ma kellha ebda nteress fit-tieni Medjazzjoni billi kienet koperta bil-Kuntratt tat-18 ta' Gunju, tas-sena 2012 u ghalhekk it-tieni Medjazzjoni giet maghluqa wara kwarta illi bdiet, din il-wisq Onorabbli Qorti ghandha timxi b' din il-kawza billi tevalwa l-provi li jitressqu mill- partijiet kontendenti jekk ikun il-kaz biex b' Sentenza definittiva apparti milli tiddikjara l-Kuntratt null w invalidu, ineffettiv u mhux enforzabbli, il-Qorti telenka dawk 1-obbligazzjonijiet li jirrigwardaw l-istatus civili tal-partijiet kontendenti konjugi Bartolo, inkluz l-ammissjoni diversi drabi ta' l-

adulterju ta' l-Intimata/Konvenuta fil-presenza tal-Medjatrici anke l-Avukat sottofirmat anke fl-istess Kuntratt li qed jigi kkontestat bhala null w invalidu, li l-Qorti abbazi ta' l-Artikoli 37, 38, 39, 40 u 41 tal-Kap 16 tal-Kodici Civili, tghaddi biex tippronunzja normalment il-Firda Legali bejn il-Kontendenti konjugi Bartolo jekk ikun il-kaz u telenka l-kundizzjonijiet il-godda din id-darba b' Sentenza tal-Qorti ta' kif ghandu jigi rregolat l-istatus tal-Firda Legali ta' bejn il-kontendenti Bartolo;

"(d) Illi naturalment il-Qorti ghandha tara li l-interessi supremi tat-tliet itfal minuri, li c-certifikati tat-twelid taghhom gew mehmuzin fl-Elenku ta' Dokumenti ma' din il-Kawza odjerna, ma' min ghandhorn jigu ordnati jrnorru l-ulied li fil-mori tal-kawza t-tifla l-kbira riesaq lejn l-eta' ta' hmistax-il sena, il-fustani riesaq lejn l-eta' ta' tlettax-il sena u z-zghir nett lejn 1-eta tal-hdax-il sena u ghaldaqstant din il-wisq Onorabbli Qorti tkun tista' tisma' l-fehmiet ta' l-istess ulied dwar fejn jahsbu li l-interessi supremi taghhom jigu l-iktar mharsa u l-Qorti tara li dawn l-interessi supremi jigu mharsa abbazi tal-provi li jitressqu f din il-kawza waqt l-andament tas-smiegh tal-provi u qabel tali provi jigu ddikjarati formalment maghluqa.

"(e) Illi l-Qorti f' dawn ic-cirkustanzi li minghajr pregudizzju ghad-dikjarazzjoni li tali Kuntratt huwa null w invalidu, ineffettiv u mhux enforzabbli ghandha tillikwida l-Komunjoni ta' 1-Akkwisti ezistenti fi zmien meta l-partijiet infirdu jekk ghal grazzja ta' l-argument jigi ddikjarat il-Kuntratt invalidu, allura jigu nfirdu de facto, u partikolarment il-Qorti tosserva mobbli u mobilja li r-rikorrenti / attur kien halla f' dik li kienet id-Dar Matrimonjali u li l-Intimata / Konvenuta dejjem naqset li ma troddhomlux lura, tali mobbli u mobilja uhud minnhom huma elenkati f'dokument mehmuz fir-Raba' Taqsima ta' din il-Kawza, b' referenza dokument CB 12;

"(f) Illi jekk l-Onorabbli Qorti fl-evalwazzjoni tal-provi mressqa fil-mori tal-kawza thoss illi l-qafas tal-firda legali ut sic ghandha tibqa' preservata, allura l-Qorti ghandha tanalizza jekk kienx mohh "normali" li jasal biex jaccetta certu kundizzjonijiet fil-Kuntratt citat, kundizzjonijiet li tistabbilixxi l-Qorti mill-provi fil-mori tal-Kawza nkluz dan ir-Rikors Guramentat odjern, u l-Qorti tghaddi biex f'dak il-kaz tissalvagwardja l-qafas tal-Firda Legali Konsenswali bejn il-partijiet bhala principju generali u temenda, tbiddel, tirristruttura, timmodifika izzid jew tnaqqas kundizzjonijiet ohra li jista' jkun hemm wara illi l-Qorti tfisser lill-partijiet dak kollu li jkun qed jigi ordnat mill-Qorti u naturalment il-Qorti taghmel taghha fin-nuqqas permezz ta' sentenza dana ir-ristrutturar, modifiki, emendi, zieda jew tnaqqis ta' dana 1-kundizzjonijiet illi l-Qorti tiffoka fuqhom abbazi tal-provi li jkunu gew imressqa;

"(g) Illi l-Qorti ghandha naturalment tipprovdi ghal hatra ta' Kuraturi Deputati fl-eventwali kontumacja ta' l-Intimata / Konvenuta kif heddet li taghmel fl-uniku udjenza ta' kwarta li saret fit-tieni Medjazzjoni quddiem il-Medjatrici Carmen Spiteri;

“(h) Il-Qorti ghandha tara li kwalsiasi spejjez koperti dawk ta’ Periti Legali Jew Esperti Legali jistghu jigu mahtura f’din il-Kawza nkluz anke dawk ta’ Psikjatra jew Psikoanalista jekk ikun il-kaz ghandhom kollha jigu sopportati mill-Intimata / Konvenuta stante li kienet hi li qarrqet bir-Rikorrenti / Attur u b’ mod malizjuz u b’ intenzjoni frawdalenti wasslet lir- Rikorrenti / Attur biex jiffirma dokument li huwa la ried jiffirma u lanqas kien f’qaghda mentali u psikologika li jiffirma;

“(i) Fic-cirkustanzi u minhabba l-agir taghha l-kura u kustodja tat-tliet itfal minuri tfajla u zewg subien minuri ghandha tigi fdata f’ idejn ir-rikorrenti / attur minhabba li huwa evidenti illi l-Intimata / Konvenuta bil-hajja mmorali taghha, adulterju ammess u l-mod li tabbanduna lill-istess tfal mhijiex f’ qaghda li thares u tissalvagwardja l-interessi supremi ta’ dawn it-tliet itfal;

“(j) Il-Qorti ghandha taghti dawk il-provvedimenti kollha opportuni li jidhrilha xieraq u gusti fic-cirkostanzi biex tabilhaqq issir gustizzja u l-gustizzja mhux biss issir imma tidher li qeghda ssir inkluz jekk il-Qorti jidhirlha bil-gwida taghha li terga’ tibghat lura lill-konjugi ghat-tkomplija tal-Medjazzjoni llum maghluqa u dana fis-sens illi l-partijiet jifhmu iktar dak li kienu sejrin jaghmlu, jaghmluh b’ mohh iktar mgharraf fuq il-konsegwenzi u l-implikazzjonijiet, u b’ hekk jigu evitati spejjez sostanzjali ghal partijiet kontendenti.

“Rat l-affidavit tal-attur mahluf fl-1 ta’ Ottubru 2013;

“Rat il-kuntratt ta’ separazzjoni tat-18 ta’ Gunju 2012, in atti Nutar Joseph Abela;

“Rat is-sentenza ta’ din il-Qorti tat-28 ta’ Mejju 2014 (fol. 129), li ddikjarat lill-konvenuta kontumaci u ordnat l-isfilz tar-risposta guramentata taghha tal-20 ta’ Jannar 2014;

“Rat l-affidavit tal-attur mahluf fis-7 ta’ Frar 2014, ta’ ohtu Antionette Mallia u tan-neputija tieghu Mandy Mallia, mahlufa fl-istess gurnata;

“Rat ix-xhieda tal-attur li xehed fis-seduti tat-18 u tad-19 ta’ Gunju 2014, fis-seduta tas-16 ta’ Lulju 2014, fis-seduta tad-19 ta’ Settenbru 2014, fis-seduta tal-25 ta’ Frar 2015, fis-seduti tal-21 u tat-23 ta’ April 2015, u fis-seduta tas-26 ta’ Mejju 2015, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia;

“Rat ix-xhieda ta’ Audrey Ghigo ghall-HSBC Bank Malta plc u Dr. Mark Xuereb, konsulent psikjatra, li xehdu fis-seduta tat-12 ta’ Ottubru 2015 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju; Audrey Ghigo kompliet tixehed fis-seduta tal-4 ta’ Dicembru 2015;

“Rat l-affidavit tal-attur anness ma’ nota pprezentata fit-13 ta’ Novembru 2015; u x-xhieda tieghu moghtija fis-seduta tad-9 ta’ Dicembru 2015 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

“Rat id-diversi rikorsi li saru fil-kors tas-smiegh tal-kawza u id-digrieti relattivi;

“Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-14 ta’ Jannar 2016 fejn il-partijiet nghataw il-fakolta’ li jipprezentaw noti ta’ osservazzjonijiet.

“Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-attur tal-11 ta’ Frar 2016.

“Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenuta tas-16 ta’ Marzu 2016.

“Rat l-atti.

“Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza.

“Ikkonsidrat;

“**L-AZZJONI ATTRICI.**

“Permezz tal-kawza odjerna l-attur qed jitlob li l-imsemmi kuntratt jigi dikjarat null billi l-kunsens tieghu kien vizzjat; li l-konvenuta fuq ammissjoni taghha stess ghandha tigi dikjarata li kkommettiet adulterju; li l-qorti ghandha tiddeciedi ma’ minn minnhom ghandhom jirrisjedu l-ulied; li jekk il-kuntratt jigi dikjarat invalidu il-Qorti ghandha tillikwida mill-gdid il-kommunjoni tal-akkwisti; li l-Qorti ghandha tanalizza jekk kienx mohh “normali” dak tal-attur li jasal biex jaccetta certi kondizzjonijiet fl-imsemmi kuntratt; u li l-Qorti ghandha taghti dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa, inkluz li l-partijiet jergghu jintbaghtu ghall-Medjazzjoni fejn il-partijiet jifhmu dak li jaghmlu u jgharfu l-konsegwenzi u l-implikazzjonijiet tal-istess.

“L-attur, in oltre, fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu, para 20 fol 393, jitlob li l-Qorti ghandha tikkonsidra li t-talba ghas-separazzjoni tigi konvertita’ ghal wahda ta’ divorzju, billi l-partijiet jinsabu fir-raba’ sena minn mindu sseparaw.

“**IL-PROVI.**

“Il-partijiet izzewgu fit-23 ta’ Lulju 1995. Minn dan iz-zwieg kellhom tliet itfal, Naomi li twieldet fil-31 ta’ Dicembru 1998 Jean Carlo, li twieled fit-2 ta’ Novembru 2001 u Nolan Franz, li twieled fis-16 ta’ April 2003. Huma sseparaw b’kuntratt publikat minn Nutar Joseph Abela fit-18 ta’ Gunju 2012 .

“**L-attur Carlo sive Charles Bartolo** fl-affidavit tieghu[1], iddikjara li pproceda b’din il-kawza ghax qed isostni li l-kuntratt ta’ separazzjoni tat-18 ta’ Gunju 2012 mhux validu. Hu jghid li fiz-zmien meta gie ffirmat il-kuntratt kien *depressed* hafna, kien jixrob izzejjed, kellu hakk kbir

[1] Fol. 17

f'gismu kollu. Mohhu ma kienx jahdem sew u ried jaghmel suwicidju. Irrnexxielu ma jaghmilx suicidju bl-ghajnuna ta' habib tieghu, Dennis Camilleri, li kien jahdem mieghu. Kien ghinu ukoll certu Tony Borg, mill-Mellieha, kif ukoll membri tal-familja tieghu. Hu kien jahdem fuq l-Oil Rigs. Kien jghinu ukoll il-Psikjatra Dottor John Mifsud li mieghu kienet ghamlitlu l-ewwel appuntament martu stess. Il-flus kollha li kien jaqla' kien jaghtihom lill-mara, anke meta kien ghadu jahdem f'Malta. Hu jghid li fis-sena 1995 bnew post, hu kien jibghatilha il-flus biex thallas lill-Bank, izda din ma kinitx taghmel dawn il-pagamenti u ghamlitlu dejn ta' LM30,000. Kien hafrilha pero' jghid li regghat ghamlet l-istess.

"F'Awwissu 2011 bdew icemplulu mill-Bank u d-*dealer* mnejn kien xtara karozza ghall-mara, u jghidulu li kellu pagamenti b'lura. Martu ghal-ewwel cahhdet pero' wara ammettiet li mill-ammont ta' LM60,000 kien baqa' LM20,000. Talabha li ddawarhom fuqu biex jixtru xi post, pero, ghalkemm kienu flimkien jmorru jaraw il-postijiet, it-transfer tal-flus ghall-ismu baqa' ma sarx.

"Marru ghall-medjazzjoni u rrealizza li ma kellux flus anzi kellu hafna dejn. Martu qaltlu li jaghmlu kuntratt ta' separazzjoni 'taparsi', biex b'hekk tkun tista' tircievi beneficcji socjali mill-Gvern.

"Xehed li fis-sena 2011 kien qed ikun *depressed* hafna u sas-sena 2012 kompla jmur lura tant li jghid li lanqas kien jaf x'qed jigri, "kont qisni gidra". Jghid li fuq suggeriment taghha inkarigaw zewg avukati, hi kellha lil Dottor Josette Sultana u hu kellu lil Dottor Victor Scerri. Jghid li kien f'dan iz-zmien li kien beda jahseb biex jaghmel suwicidju, jghid li ma kienx jaf x'kien qed jigri, li rrangaw kollox l-avukati u l-attrici bejniethom, li l-kuntratt qrawhulu darba, pero' hu ma fehem xejn billi kien fi stat hazin hafna. Hu jghid li ghalkemm fir-rapport ta' Mrs Carmen Spiteri martu ammettiet li kellha lil xi hadd iehor, hu lanqas induna. Dan ir-ragel hu jghid li ma jafux, jaf li ghandu bar, karozzi lussuzi u martu kienet tohrog ma' dan ir-ragel qabel ma' bdiet tohrog mieghu, cioe' xi ghoxrin sena qabel. Ra ukoll xi ritratti fuq Facebook, fejn martu tidher mieghu u lmenta mill-fatt li bejn is-Sibt u l-Hadd martu kienet taghmel lejl barra u thalli t-tfal minuri fid-dar wahedhom.

"Hu jghid li ma' n-Nutar ltaqa' dakinhar tal-kuntratt li gie ffirmat il-Qorti, hdejn il-Qorti Kriminali. Jghid li jew nqara bil-ghaggla l-kuntratt, jew ma fehem xejn ghax kien ghaddej minn perjodu hazin, jisma' u ma jifhimx "tidhol minn widna u tohrog mill-ohra." Jghid li martu kienet tahdem ma' sinjura li kienet thallasha Euro800 fix-xahar, skont hu ma baqghetx ghax keccietha ghax ghamlet xi haga hazina, skont ma qalet lit-tfal, ir-ragel tas-sinjura ma baqax jaghti lill-martu tant flus. Jghid li martu tahdem id-Danish Village, tahdem part time ghand habiba, u tircievi c-Children's Allowance mill-Gvern. Jghid li hu fehem li l-manteniment fuq il-kuntratt kien ta' Euro150 ghat-tlett it-tfal mhux kull wiehed.

"Martu qaltlu li ghalkemm ser jaghmlu l-kuntratt xorta ser jibqghu flimkien, li hekk kien jaqbel biex tibqa tircievi l-allowance, kienet tghidlu

biex ma jinkwetax u li hu kien jaghmel dak li tghidlu. Fil-paragrafu 23 tal-affidavit jghid hekk:

> "Jiena kont naf li qed niffirma kuntratt. Jiena ffirmajt biss dan il-kuntratt kif gja' ghidt ghax gieghlitni marti u ghamlet pressjoni fuqi. Apparti minn hekk jiena mis-sena 2011 ghas-sena 2012 jiena kif gia' ghidt iktar il fuq kont hafna hafna  hazin, veru li fi 2011 kont naf li qed isir kuntratt pero' ghal xiex kont diehel u ghal xiex iffirmajt fit-2012 ma kontx naf jien. Il-mara kienet ikkonvincietni naghmel kollox."

"Iddikjara li minn Ottubru 2012 beda jmur ghall-kura ghand il-Psikjatra Dr John Mifsud li tah xi pilloli biex ma jibqax jahseb fuq suwicidju. Jghid illi Dr Mifsud ghenu hafna u kien irrakkomandalu biex ma jmurx ghax-xoghol, izda minhabba d-dejn li kellu kien kostrett jitla' lura il-Libja sabiex ikompli fl-impieg tieghu.

"Il-fond bl-indirizz numru 10 Block E Belle Ville Triq San Luqa, Gwardamangia hu propjeta' tieghu, pero' jrid ihallas il-bilanc tal-prezz, xi Euro67,000. Jghid li dahqet bih billi kellhom jixtru zewg appartamenti, mhux wiehed, izda billi hi naqset li tidher ghall-kuntratt tilfu d-depozitu fl-ammont ta' Euro8,000.

"Bhala dar konjugali kellhom appartament bil-kera ta' Euro500 fix-xahar, 39 Flat 2, Triq Santa Liena Mellieha. Kien jibghatilha l-flus biex thallas il-kera u l-kontijiet, ma hallsithomx u s-sidien ghamlulhom kawza ghall-Euro6,500, li giet deciza favur il-propjetarji. Billi dawn kienu ghamlulu Sekwestru, kellu kollox ibblokkjat u wasal ghall-arrangjament maghhom li jhallas Euro250 fix-xahar. Minnhabba d-djun li ghamlitlu l-mara gie blacklisted mill-Banek, u din ikkrejatlu problem serji.

"Jghid li ghalkemm ma kienx jaf ghal xiex kien diehel kien jhallas lill-martu Euro350 ghall-kera u Euro300 ghat-tfal fix-xahar. Ihallas ukoll lezzjonijiet tal-pjanu tat-tifla  Euro52 jew Euro56 fix-xahar.

"L-attur jghid:

> "Dak il-kuntratt jien iffirmajtu ghax jiena kont minghalija li hi ha tibqa mieghi u mhux ser jigri xejn minn dawn izda fil-fatt jiena kont gejt ingannat bl-ikrah."

"L-attur fl-affidavit tieghu mahluf fis-7 ta' Frar 2014[2] ma ghamel l-ebda referenza ghall-allegat vizzju tal-kunsens tieghu fuq il-kuntratt ta' separazzjoni, izda kkummenta dwar it-tfal u l-affidavit li ghamlet bintu Naomi.

"Meta l-attur xehed fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2014 quddiem l-Assistent Gudizzjarju hu esebixxa fotokopja awtentikata ta' certifikat mediku allegatament rilaxxjat minn Dr Josianne Cutajar, Family Doctor,

[2] Fol. 178

(Dok KG3)[3] Dan ic-certifikat jaqra kif gej: "Mr Bartolo was suffering from severe depression since 2003. Initially he was under my care till I had to refer him to a psychiatrist in 2011." L-attur ma sejjahx lil Dr Josianne Cutajar sabiex tixehed f'dawn il-proceduri.

"Fl-istess seduta l-attur ezebixxa wkoll fotokopja awtentikata ta' certifikat mediku datat 20 ta' Mejju 2014 rilaxxjat mill-Psikjatra Dr John Mifsud (Dok KG4)[4] li jaqra kif gej: "For Company only. Re. Carlo Bartolo ID 314870M). I had seen the above for the first time on the 29/10/12. He had been treated with anti-depressants. Today he is fully oriented to time, place & person. He is not depressed and has no suicidal ideation. I am stopping all psychiatric medications". Jezebixxi wkoll fotokopja awtentikata ta' certifikat fuq letterhead ta' St Mark's Clinic li skont l-attur huma notamenti medici ta' Dr John Mifsud. L-ewwel notament igib id-data tad-29 ta' Ottubru 2012 u fost l-ohrajn jghid li l-attur ghandu "1) Severe depression illness; 2) high suicidal risk; 3) should be supervised continuously. This is explained clearly to patient and to his wife." Isegwu zewg medicini li gew lilu preskritti. Anke f'dan il-kaz l-attur naqas milli jsejjah bhala xhud lill-Psikjatra Dr John Mifsud. Dawn ic-certifikati baqghu ma gewx konfermati minn min suppost irrilaxxjhom.

"Quddiem l-Assistent Gudizzjarju fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2014 l-attur iddikjara s-segwenti[5]:

> "Jien qed nghid li dan il-kuntratt mhux validu u issa ser nghid ghaliex dan il-kuntratt mhux validu. Meta sar dan il-kuntratt fit-18 ta' Gunju 2012, jiena kont fi stat dizastruz hafna u kont fi stat ta' depressjoni kbira. Kont anke mohhni biex naghmel suwicidju. Kelli nervi u dwejjaq kbar minn dejjem, ugiegh ta' ras kbira. Kull haga zghira kollox kien idejjaqni u l-icken argument li kien jkolli mal-mara, kien jqabbadni ugiegh fejn qalbi u kont naqa' mal-art. Kelli ukoll nuqqas ta' rqad kbir u meta norqod jien kont nohlom ikrah hafna. Kont anke fi stat ta' paniku u kien jkolli hakk kbir ma' gismi kollu u jien dawn is-sintomi li qed nghid kont ghaddej bihom dak iz-zmien il-hin kollu. F'dan iz-zmien li kif qed nghid kont ghaddej minn stat dizastruz, kienet tmexxini l-mara. U kont qisni pupu taghha, brainwashed."

"Jghid li martu haditlu flusu kollha, billi hu kien jahdem barra fuq l-oil rigs, il-paga kienet tidhol f'kont il-Bank, u peress li hi kellha prokura kienet tigbed kemm trid.

"Hu kien jipprepara l-envelopes biex jsiru il-pagamenti, lill-Bank, lid-dealer mnejn nxtrat il-karozza, lil sid il-kera, u skopra li ma kinitx qed thallashom ghax kullhadd beda jcempel lilu.

"Fl-istess seduta rrakkonta il-kaz meta fit-2004 kellhom jbieghu il-post billi kienu lura fil-pagamenti mal-Bank, il-post nbiegh ghall-prezz tajjeb,

[3] Fol. 246
[4] Fol. 247
[5] Fol. 248

ghamlu qliegh ta' LM60,000, li gew depositati il-Bank izda hu iddikjara li ma jafx x'sar minnhom, billi ghalkemm originarjament gew depositati f'kont joint, hi billi kellha il-prokura ttrasferit dan l-ammont ghall-kont taghha personali[6]. Jghid ukoll li fis-sena 2011 skopra b'kumbnazzjoni, li l-mara kien qed jkollha relazzjoni ma' ragel iehor, billi it-tifel iz-zghir kixifha li is-Sibt ta' qabel kienet marret ghall-80's night.

"Fis-seduta tas-16 ta' Lulju 2014[7] quddiem l-Assistent Gudizzjarju, l-attur iddikjara li wara l-kuntratt hu pprova minn kollox biex jirranga mal-mara, anke minnhabba it-tfal pero' hi baqghet tibdlu ma' ragel iehor u f'Marzu [tas-sena 2013] ma felahx izjed u mar jghix ghand ommu. Hu ddikjara li kellu il-provi li martu kienet qed tibdlu ma' certu Ivan Falzon, u li martu qed tghix mieghu.

"L-attur rega xehed fis-seduta tat-23 ta' April 2015[8] quddiem l-Assistent Gudizzjarju dwar id-depositu ta Euro 8,000 li kienu ghamlu ma' GAP Developments Limited dwar l-akkwist minnhom tal-appartament numru 7 Triq San Luqa G'Mangia, u dwar id-diversi djun li ghamlet il-mara u kkonkluda li martu ghandha taghtih in-nofs fl-ammont ta' Euro 126,996.

"Hu ddikjara li qed jghix fid-dar 198, Triq tas-Salib Mellieha, fejn kienet toqghod ommu li giet nieqsa fis-sajf tas-sena 2014, li mhux qed jghaddi flus lill-martu, billi qed jikkontesta il-kuntratt u billi hi u uliedhom qed jghixu ma' Ivan Falzon, is-sieheb taghha, f'block appartamenti, Philips Court, Apartment 2, il-Qawra. Il-mara tghin lill-habib fit-tmexxija tal-B-Bar f'Bugibba u Bar iehor hdejh jismu The Legend. Mhux qed jghaddi manteniment lill-ulied, li lanqas qed jarahom u li joggezzjona li qed jghixu mal-habib tal-konvenuta.

"**Antoinette Mallia**, oht l-attur, fl-affidavit taghha[9] ikkonfermat li rat lill-konvenuta fil-kumpanija ta' certu Ivan Falzon, u kkumentat fit-tul dwar l-affidavit ta' bint il-kontendenti, Naomi.

"**Mandy Mallia,** bint l-istess Antoinette, in-neputija tal-attur, fl-affidavit taghha[10] ikkonfermat li rat lill-konvenuta diversi drabi fil-B Bar, Triq il-Pjunieri, Bugibba, ma' Ivan Falzon. Kienet rat ukoll lil Naomi, li ghadha zghira, f'bar iehor vicin tal-B Bar, ma' ommha u l-istess Ivan Falzon, mentri s-subien kienu wahedhom id-dar.

"**Antoinette Mallia**, oht l-attur, xehdet fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2015[11] mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju u kkonfermat li rat lill-konvenuta ma' certu Ivan Falzon fil-B Bar go Bugibba u li kienet liebsa ilbies provokanti mhux addattat ghall-mara mizzewga.

[6] Fol. 257
[7] Fol. 255
[8] Fol. 313
[9] Fol. 197
[10] Fol. 201
[11] Fol. 325

"**Dottor Mark Xuereb,** konsulent psikjatra xehed fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2015[12], mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju. Iddikjara li ilu li kkwalifika mit-2007 , jispecjalizza fi krizijiet psikologici u jahdem fl-Isptar Mater Dei. Lill-attur sar jafu ghall-ewwel darba bejn 4 u 6 xhur qabel id-data li fiha kien qed jixhed. Ha l-impressjoni li l-attur kien bniedem tal-affari tieghu, b'valuri tajbin u jhobb lill-familja u li kien jaghmel sagrificcji kbar ghall-familja billi kien jahdem fuq l-Oil Rigs, xoghol ta' strapazz u perikolu u kien jafda kompletament f'martu, sia fil-management tal-flus kif ukoll it-trobbija tal-ulied. Hu jghid,

> "But if you had to ask me was that contract signed under duress, sure and absolutely. So there is indeed, technically it is called "fight or flight response" at the time. Mr Carlo Bartolo was "in a fight or flight response" and this is an innate defence mechanism. When we are overwhelmed, when we cannot cope, we have a choice.....And you basically think I'm either going to attack you or get away from the situation. Obviously when you are signing a contract you cannot although it can happen that you rush out..... I think there is justification in annulling the contract...."

"Hu ikkonkluda billi kkonferma li illum l-attur rkupra mill-istat ta' suicidal tendency, u jista' jkun missier tajjeb u b'sahhtu.

"**SOTTOMISSJONIJIET TAL-PARTIJIET.**

"Fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu[13] l-attur issottometta li t-talbiet attrici huma maqsumin fuq zewg livelli, cioe' l-ewwel livell li l-kuntratt ta' firda bejn il-partijiet kien wiehed li ma jistax jitqies validu billi l-attur ma kienx jimpurtah mill-kontenut tal-kuntratt, u kien deciz li ezatt wara li jiffima il-kuntratt kien ser jnehhi hajtu b'idejh, l-attur jghid li kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni mal-avukat tieghu, u il-kuntratt gie ippreparat mill-avukat ta' martu; it-tieni livell, li jekk l-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-kuntratt ma jigix dikjarat null, tista' a bazi ta' dak li irrizulta mill-provi tordna certu tibdiliet fil-kuntratt.

"Hu jirrileva li f'dawn il-proceduri l-konvenuta baqghet kontumaci nonostante li l-Qorti kkonceditilha tlett opportunitajiet biex tiggustifika il-kontumacja taghha. Iddikjara li ghalkemm ir-relazzjoni tieghu ma' bintu Naomi mhiex kif jixtieqa hu pero' mas-subien ghandu relazzjoni tajba billi meta jkun Malta jghixu mieghu u meta jkun imsiefer fuq xoghol joqoghdu ghand ohtu.

"Dwar il-komportament tal-konvenuta, u r-relazzjoni li ghandha, jaghmel referenza ghax-xhieda ta' Antoinette u Mandy Mallia. Jirreferi ukoll ghax-xhieda tar-rapprezentanti tal-Bank b'konferma tas-somom kbar ta' flus li l-konvenuta rnexxhielha takkwista minn ghand l-attur, li kien jafdha kompletament, b'inkariku specifiku li thallas certi pagamenti, li

[12] Fol. 349
[13] Fol. 388

naqset milli taghmel u spicca biex kellu jitratta hu mal-kredituri u jhallas id-djun.

“Jaghmel refereza ghac-certifikati medici rilaxxjati mill-Psikjatra Dottor John Mifsud, u ghax-xhieda tal-Psikjatra Dottor Mark Xuereb b’konferma li r-rikorrent ma kienx jaf x’qed jaghmel meta ffirma il-kuntratt ta’ separazzjoni u li martu wara li kkostringietu jiffirma il-kuntratt haditu hi stess ghand il-Psikjatra, billi hi ma rieditx li jikkommetti suwicidju, biex jkollu jibqa jonora l-obbligi minnu assunti fuq il-kuntratt.

“L-attur ikkonkluda li l-kuntratt ta’separazzjoni ghandu jigi dikjarat null u invalidu, u fid-dawl tal-adulterju tal-konvenuta ghandu jigi deciz li ebda manteniment mhu dovut lill-konvenuta, li ebda manteniment mhu dovut ghat-tifla Naomi billi din qed tahdem, li l-attur ghandu jinghata l-kura u il-kustodja tas-subien, li qed jghixu mieghu u qed jipprovdi hu ghall-htigijiet taghhom, u billi l-konvenuta qed tikkobita ma’ Ivan Falzon ma ghandux jibqa obbligat ihallsilha il-kera tal-fond li joghogobha tikri. Ghandu jigi dikjarat kreditur taghha fil-likwidazzjoni tal-kommunjoni tal-akkwisti billi l-konvenuta sparpaljat l-flus li ghadhielha l-attur biex taghmel certi pagamenti li hi ma ghamlitx.

“Finalment, billi jinsabu fir-raba’ sena wara s-separazzjoni l-attur issottometta li l-Qorti ghandha tikkonsidra il-possibilita’ li t-talba ta’ separazzjoni tigi konvertita f’wahda ta’ divorzju.

“Fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha[14], Fol 396 et seq. l-konvenuta tissottometti li mhux car x’qed jitlob l-attur, cioe’ jekk hux annullament ta’ kuntratt, modifika tal-istess jew li l-proceduri jergghu jibdew mill-gdid.

“Tirrileva li ghalkemm l-attur semma hafna hbieb li ghinuh ma ipproduca lil hadd minnhom bhala xhud. Jammetti li kien assistit mill-Avukat Dottor Victor Scerri, jallega li dan naqas li jiehu hsieb l-interessi tieghu u mbaghad lanqas biss jipproducih bhala xhud. Jinsinwa ukoll li l-kuntratt kien simulat billi martu riedet tibbenefika mill-beneficcji socjali, izda ma saret l-ebda talba f’dan is-sens.

“Fin-nota saret referenza ghas-sentenza deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta’ Novembru 2010 fl-ismijiet Gourmet Company Limited vs Marianno Vella fejn il-Qorti ddikjarat li hu prezunt li l-iskritturi jirriflettu l-volonta’ kontrattwali tal-partijiet, u minn jallega il-vizzju fil-kunsens biex jirnexxi fl-azzjoni ghandu jipproduci provi univoci, konklussivi kredibbli u attendibbli. Saret referenza ukoll ghas-sentenza deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta’ Jannar 2014 fil-kawza fl-ismijiet Peter Cassar Torregiani vs Onor Domnic Mintoff et fejn inter alia intqal li “mhux kull stat ta’ ansjeta’ jwassal biex kunsens moghti fuq kuntratt ikun wiehed bla siwi, jekk kemm il-darba jintwera li l-parti kontraenti kienet taf x’inhi taghmel”.

[14] Fol. 396

"Gie sottomess li meta wiehed jezamina dak li ftehmu il-partijiet ma jidhirx li hemm xi zbilanc notevoli kontra xi parti fil-kuntratt. Gie rilevat li l-unika propjeta' immobiljari li kien hemm giet assenjata lill-attur, saru erba' seduti ta' medjazzjoni qabel ma gie ffinilazzat il-kuntratt u sikurament l-medjatrici spjegat il-kontenut tal-kuntratt.

"Il-konvenuta ssottomettiet illi mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-kunsens tal-attur kien vizzjat fil-mument li gie ppubblikat il-kuntratt tas-separazzjoni konsenswali nonostante li l-attur xehed diversi drabi u rrepeta l-allegazzjoni li fi zmien il-kuntratt kien suwicidali u nonostante li ohtu, Antoinette Mallia ddikjarat li kien fi stat hazin meta iffirma il-kuntratt. Il-konvenuta rrilevat ukoll li n-neputija, tal-attur Mandy Mallia, ma kkummentax fuq l-istat mentali tieghu.

"Il-konvenuta irrilevat illi c-certifikat mediku ta' Dottor John Mifsud kien intestat 'for company only' u kkonferma li l-attur kien fuq l-anti depressants, u gie ikkritikat Dottor Mark Xuereb, li hassu kompetenti biex jipotizza x'kien l-istat mentali tal-attur fil-mument li iffirma il-kuntratt, tlett snin qabel ma invistah.

"**KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI.**

"L-attur qed jitlob li l-Qorti tiddikjara il-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali null, invalidu, ineffettiv u mhux enforzabbli "ghar-ragunijiet li jirrizultaw….fil-mori tal-kawza inkluz il-kontenut kollu tar-Rikors Guramentat u Atti Processwali ohra". Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu l-attur jispecifika illi it-talba ghar-rexxissjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni personali hija msejsa fuq il-premessa illi "….fil-mument meta gie ffirmat il-Kuntratt ta' l-Firda Legali bejn il-kontendenti partijiet konjugi Bartolo, ir-Rikorrent Attur ma kienx jaf x'inhu qed jaghmel, u dan gie kkonfermat mill-agir tal-istess Intimata Konvenuta li wara li kwazi kkostringiet lil zewgha biex jiffirma dan il-kuntratt kienet hi stess illi haditu ghand il-psikjatra l-Professur John Mifsud.."[15]

"Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu l-attur ma ghamel l-ebda referenza ghall-artikoli tal-ligi li fuqhom qed isejjes it-talbiet tieghu.

"Il-Qorti taghmel referenza ghall-**Artikolu 966 tal-Kap. 16** li jelenka r-rekwiziti ghall-validita' tal-kuntratti:-

""Ir-rekwiziti essenzjali sabiex kuntratt jkun jiswa, huma:

(a) illi l-partijiet ikunu kapaci biex jikkuntrattaw;

(b) il-kunsens ta' dak li jobbliga ruhu;

(c) haga zgura li tkun l-oggett tal-kuntratt;

[15] Fol. 391

(d) kawza lecita biex wiehed jobbliga ruhu.

“Skont l-**Artikolu 967(1)** Kull persuna tista’ tikkuntratta, jekk mhix iddikjarata inkapaci filwaqt li sub-inciz (3) tal-istess Artikolu jipprovdi illi huma inkapaci li jikkuntrattaw-

“(a) il-minuri

“(b) l-interdetti jew inabilitati; u

“(c) generalment, dawk kollha illi l-ligi timpedihom minn xi kuntratti.

“A propozitu gie dikjarat fil-kawza fl-ismijiet “**Giuseppe Gauci et vs Angelo Gauci et”** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta’ Novembru 1955:

> “Illi wiehed mir-rekwiziti essenzjali ghall-validita’ ta’ kuntratt huwa il-kunsens; u biex il-kunsens jkun jiswa jehtieg li min jaghti dak il-kunsens ikollu l-kapacita’ li jikkomprendi. Ghaldaqstant, kuntratt li fih xi wiehed mill-kontraenti, ma kellux il-kapacita’ li jikkontratta huwa null.”

“Dan il-kaz kien jirriferi ghall-kuntratt ta’ divizzjoni ta’ wirt, fejn tnejn mill-kontraenti kienu mentalment inkapaci, fatt li kien a konnoxxenza tal-parti l-ohra. Inkapacita’ legali tirriferi ghall-minorenni, mentri inkapacita’ naturali tirriferi ghall-infirmita’ mentali.

“Fil-kawza fl-ismijiet “**Mary Hayman vs John Hayman”** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta’ Marzu 1959 jinghad inter alia li;

> “Kull persuna titqies mentalment sana, sakemm ma jigix pruvat il-kuntrarju.” U dan in omagg ghall-principju illi min jallega jrid jipprova. Hija regola ta’ dritt illi “***onus probandi incubit ei qui dicit non ei negat***”. Din ir-regola ta’ dritt hija sancita bl-**Artikolu 562 tal-Kap. 12** li jipprovdi illi “Bla ħsara ta’ kull disposizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu tal-prova ta’ fatt imiss dejjem lil min jallegah.”

“Dwar l-analizi li trid taghmel il-Qorti fir-rigward tal-provi mressqa intqal hekk fis-sentenza “**David Pace vs Frans Falzon et**” deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta’ Mejju 2011:

“Kull kaz ghandu jkun ezaminat fuq il-mertu u l-fattispece partikolari tieghu. Dan ighodd ukoll fejn tidhol l-applikazzjoni ghall-kaz tal-principji tad-dritt kif mifhuma fid-dottrina u fil-gurisprudenza. B’hekk il-gudikant ikun f’qaghda li jsahhah il-konvinzjoni u l-konkluzjonijiet tieghu. Ic-certezza morali li fuqha l-gudikant ghandu jibni l-motivazzjoni tal-gudizzju tieghu trid issib il-gustifikazzjoni taghha fl-ewwel lok fit-totalita’ tal-provi u fit-tieni lok fil-qafas tal-preponderanza tal-probabilitajiet. Bhala punt ta’ dritt, il-piz tal-prova fil-mertu huwa mixhut fuq l-attur in kwantu l-konvenut jibqa’ assistit mill-presunzjoni li mhux obbligat jaghmel il-prova negattiva. Il-Qorti trid tara jekk l-attur issodisfax dak l-oneru billi wasal biex jipprova l-legittimita’ tal-pretensjoni tieghu jew

inkella kellhiex il-Qorti tapplika r-regola ta' gudizzju li l-fatti allegati ma gewx sodisfacjentement ippruvati (non esse et non probari paria sunt). Dan kollu jissarraf fil-principju li jirregola l-piz tal-prova u cioe' li x-xjenza tal-fatt allegat ghandu jigi pruvat mill-persuna li qed tallega dik ix-xjenza. Del resto hekk ukoll ighid l-Art. 562 tal-Kap. 12 u fil-kaz li din il-prova ma tkunx adegwata jew fil-kaz ta' dubbju l-allegata xjenza ghandha tigi rigettata. ("**Theuma vs Mercieca**" – Qorti tal-Appell – 20 ta' Frar 1996 ; "**Fenech Clarke et vs Borg et**" – Qorti tal-Appell – 30 ta' Mejju 1997 u "**Mizzi noe vs Borg et"** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 29 ta' Settembru 2009).

"Lura ghall-kaz odjern, wara li gew affermati l-principjі gurisprudenzjali fir-rigward tal-oneru tal-prova, il-Qorti tissottolinea illi sabiex l-attur jirnexxi fit-talba tieghu ghar-rexxissjoni tal-kuntratt fuq il-pretest li fil-mument li ffirma l-kuntratt kien afflitt minn infermita' mentali temporanja jehtieg li mill-provi mressqa jirrizulta fuq bazi almenu ta' probabilita' illi fil-mument rilevanti l-attur kien qed ibati minn kondizzjoni patologika psikika illi kienet ta' tali intensita' u grad li ggiblu mankanza assoluta ta' kapacita' li jevalwa l-importanza ta' l-att li jkun wettaq; Fi kliem iehor, il-gravita' u l-intensita' tal-kondizzjoni mentali, anke jekk temporanja, trid tkun tali illi tpoggi lill-kontraent f'kondizzjoni li ma hux kapaci mentalment jifhem dak li qed isehh.

"L-attur xehed illi fiz-zmien rilevanti, cioe' meta' ffirm l-kuntratt tas-separazzjoni fit-18 ta' Gunju 2012, kien afflitt minn depressjoni.

"Il-Qorti fliet sew il-provi kollha mressqa mill-attur u jirrizultalha illi sal-jum li gie ffirmat il-kuntratt l-attur ma rrikorra ghand l-ebda psikjatra. L-attur jghid biss illi wara li gie ppubblikat il-kuntratt huwa kien mar ghand psikjatra ghall-kura u f'dik l-okkazzjoni kienet akkumpanjatu martu l-konvenuta. Jallega illi dak iz-zmien kellu hsibijiet suwicidali u li kien qed jesterna dan il-hsieb ma' ta' madwaru.

"Necessarju ghalhekk jigu ezaminati l-provi mressqa mill-attur fir-rigward.

"L-attur ezebixxa kopja ta' certifikat rilaxxjat minn **Dr John Mifsud**, Konsulent Psikjatra, li mar ghandu erba' xhur wara li gie ppubblikat il-kuntratt ta' separazzjoni mertu tal-kawza odjerna. Dan ic-certifikat datat 30 ta' Mejju 2014 markat Dok KG4 jinstab a fol 247 tal-process. Jaqra kif gej:-

> "For Company Only. 30/5/14
>
> "Re. Carlo Bartolo
> ID 314870(M)
>
> "Had seen the above, for the first time on the 29/10/12. He had been treated with antidepressants.

> "Today he is fully oriented to time, place & person. .He is not depressed and has no suicidal inclination. I am stopping all psychiatric medication."

"F'dokument iehor markat Dok KS1 (fol 244) l-istess rilaxxjat fuq letterhead to St Mark's Clinic, jinghad li fid-29 ta' Ottubru 2012, l-attur kien qed isofri minn *severe depression*, li kien ilu jbaghti minnha minn Marzu 2011 u kellu *high suicidal risk*. Gie rakkomandat li jkun supervised kontinwament u nghata il-medicini hemm indikati.

**<u>L-Aqwa Prova Hi Karenti</u>**

"Il-Qorti pero' tirritjeni illi tali dokumenti minghajr ma huma korroborati mit-testimonjanza tal-psikjatra li allegatament kitibhom ma jilhqux il-grad ta' prova rikjrest ghall-finijiet probatorji. Ghal ragunijiet li ma gew bl-ebda mod spjegati mill-attur, huwa naqas milli jipproduci bhala xhud lill-imsemmi Dr John Mifsud, psikjatra kuranti tieghu. Huwa l-oneru ta' kull minn jallega li jressaq l-ahjar prova. Certifikat ta' psikjatra ma hux wahdu sufficjenti ghall-finijiet sabiex jigi sodisfacentement ippruvat li l-attur kien afflitt minn infermita' mentali li ma kinitx tippermettilu li jersaq fuq kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Difatti dawn id-dokumenti ma jsemmu xejn dwar jekk fiz-zmien rilevanti l-attur kienx kapaci jersaq fuq kuntratt. Il-fatt li l-konvenuta hija kontumaci f'dawn il-proceduri ma jnaqqas xejn mill-obbligu tal-attur li jressaq l-ahjar prova disponibbli. Appena huwa necessarju jigi rilevat illi l-kontumacja hija dejjem meqjusa bhala opposizzjoni ghat-talbiet attrici.

"Il-Qorti fliet il-lista tax-xhieda tal-attur annessa mar-rikors guramentat li tikkonsisti f'pagna u nofs ta' ismijiet ta' xhieda u f'paragrafu 3 hemm indikat "il-Psikjatra John Mifsud". Stranament l-unika tabiba li suppost kienet qieghda issegwi sahhet l-attur fiz-zmien rilevanti ukoll ma tresqitx bhala xhud. Jidher li lanqas biss tnizzlet fil-lista tax-xhieda. Nizzel ukoll bhala xhud "rapprezentanti ta' St Mark's Clinic" izda wkoll ma tella lil hadd minn din il-klinika sabiex jixhed dwar id-dokumenti li l-attur ipprezenta.

"Minflok l-attur ressaq bhala xhud quddiem l-assistant gudizzjarju lil Dottor Mark Xuereb, konsulent psikjatra, psikjatra li ezamina lill-attur ghall-ewwel darba kwazi sentejn wara li kienet ilha istitwita l-kawza odjerna. Dr Xuereb xehed li lill-attur sar jafu ghall-ewwel darba ghal habta ta' Gunju 2015. Ha l-impressjoni li l-attur kien bniedem tal-affari tieghu, b'valuri tajbin u jhobb lill-familja. Kien jaghmel sagrificcji kbar ghall-familja billi kien jahdem fuq l-Oil Rigs, xoghol ta' strapazz u perikolu. Jirrizulta li l-attur ikkonsultah sabiex jottjeni certifikat mediku li hu kapaci jiehu hsieb liz-zewg uliedu minuri u dan fid-dawl tat-talba li ghamel f'dawn il-proceduri. Jghid hekk fir-rigward: "Jigifieri my opinion, from what I am seeing, that this man should and must in the interest of himself and his children exercise his parental rights." Jghid li l-attur huwa pazjent tieghu. "Nazzarda nghid li bhal issa qed jiehu l-kura tahti minhabba depression…." minhabba s-sitwazzjoni li kellu mal-

mara. "Qed jiehu kura holistika, mhux pilloli. Jifthu t-triq ghal ghajnuna psikologika u ha jkun hemm ghajnuna socjali fis-sens coping skills, ways of being more sensitive……he is healthy…………..Jigifieri l-kura ser tkun naqra duratura sakemm l-affarijiet jissetiljaw ghax jekk jissetiljaw t-tfal u t-tfal ikollhom kuntatt mieghu, I think he will get better and he will have a better psychological development". Lit-tfal huwa ma ltaqax maghhom. Dwar l-allegazzjoni tal-attur li kellu tendenzi suwicidali fiz-zmien rilevanti Dr Xuereb jghid li dak seta' kien reazzjoni ghal biza' li kien ghaddej minnnha fiz-zmien tas-separazzjoni: "….. when I am cornered and I am caught in a position, wiehed jghid uff xbajt nghix. Imma ahna ghandna a whole spectrum of severity. Suicidality there are mild, moderate and severe and even those are subdivided. ………"

"Imbaghad ix-xhud Dr Xuereb jghaddi sabiex jirrispondi <u>sensiela ta' domandi diretti maghmula mill-Avukat tal-attur</u>. Gie mistoqsi jekk jistax jikkonferma li l-attur fiz-zmien li kien qed jiffirma l-kuntratt ma kienx jimpurtah x'kien qed jiffirma ghax skont l-attur kien bihsiebu jnehhi hajtu b'idejh. Jirrispondi hekk: "…..for Carlo the very important thing, his modus operandi is I go and I work hard, I suffer for my family and the woman will take care of the family. When this suddenly crumbled, then of course the reaction I would say is normal in the context o fthat. But if you had to ask me was that contract signed under duress? Sure and absolutely" So there is technically it is called "in a fight or flight response" and this an innate defence mechanism." Mistoqsi, mill-gdid b'mod dirett: "In other words, would the Court be justified to say, there is no justification in annulling the contract or there is justification in annulling the contract?". Ix-xhud jesprimi l-opinjoni "I think there is justification in annulling the contract……….I would say stop, this is not the valid contract. Because the man, one has not got all his functions".

"Il-konvenuta fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha kkontestat l-ammissibilita' tax-xhieda ta' Dr Xuereb. Ix-xhieda ta' Dr Xuereb kienet tikkonsisti fl-ewwel lok fi spjegazzjoni medika tal-istat mentali attwali tal-attur u fit-tieni lok opinjonijiet professjonali espressi dwar l-istat mentali tal-attur fiz-zmien meta Dr Xuereb ma kienx ghadu jaf lill-attur.

"**<u>Esperti Ex-Parte</u>**

"Dwar l-esperti ex parti l-Qorti tiddikjara li dawn huma ammissibbli fil-process gudizzjarju nostran bis-sahha tal-**Artikolu 563A tal-Kap. 12** li kien gie introdott bis-sahha tal-Att XXIV tas-sena 1995. Dan l-artikolu huwa intitolat: "Ammissibilita' ta' espert ex parte u meta tinghata certu opinjoni minn nies mhux esperti". Jipprovdi hekk:-

"(1) Meta persuna tissejjaħ bħal xhud, l-opinjoni tagħha fuq kull kwistjoni rilevanti li dwarha hi kwalifikata tagħti xiehda bħala espert, għandha tintlaqa' bħala xiehda biss jekk, fil-fehma tal-qorti, dik il-persuna jkollha l-kwalifiki meħtieġa dwar dik il-kwistjoni.

"(2) Meta persuna tissejjaħ bħala xhud, dikjarazzjoni ta' opinjoni li ssir minnha fuq kull kwistjoni rilevanti li dwarha mhijiex kwalifikata tagħti xiehda bħala espert, jekk din ix-xiehda tingħata b'mod li jingħadu fatti rilevanti li jkunu ġew konstatati personalment minnha, għandha tkun ammissibbli bħala prova ta' dak li dik il-persuna tkun hemm ikkonstatat.

"(3) L-opinjoni mogħtija minn persuna skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 681 u għas-setgħa tal-qorti li taħtar perit skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 646."

"Wara li ezaminat ix-xhieda ta' Dr Xuereb il-Qorti tistqarr illi ma hiex konvinta minn dak li Dr Xuereb esprima fir-rigward taz-zmien li fih gie ffirmat il-kuntratt mertu tal-kawza odjerna. Ex admissis huwa l-psikjatra kuranti tal-attur.  Evidentement Dr Xuereb ibbaza l-opinjoni minnu espressa fuq dak biss li qallu l-attur. La kellu l-opportunita' li jezamina il-file mediku tal-attur u lanqas li jintervista it-tabib kuranti tal-attur fiz-zmien tal-kuntratt. Inoltre l-opinjonijiet minnu espressi waqt ix-xhieda moghtija quddiem l-assistant gudizzjarju specjalment dawk riferibbli ghaz-zmien li gie ffirmat il-kuntratt <u>kienu opinjonijiet espressi fuq domandi suggestivi u direttissmi lilu maghmula mill-Avukat tal-pazjent tieghu.</u>

Il-Qorti qieghda tiskarta l-opinjoni espressa minn Dr Xuereb li fil-fehma tieghu l-attur kien afflitt minn infermita' mentali fil-jum li fih gie ffirmat il-kuntratt.

"Il-Qorti mhiex konvinta li fiz-zmien rilevanti l-attur ma kellux il-kapacita' li jikkontratta. Il-provi li ressaq l-attur fir-rigward ma jwasslux ghal dak il-konvinciment morali necessarju sabiex l-allegazzjoni tigi kkonsiderata ppruvata sodisfacentement.

"Rilevanti jigi wkoll osservat illi l-attur naqas li jtella' jixhdu lill-Avukat tieghu ta' dak iz-zmien, lin-Nutar li ppubblika l-kuntratt kif ukoll lill-konvenuta, li suppost skont l-attur kienet hi li haditu ghand psikjatra ghall-ewwel darba.  Dan il-kuntratt ta' separazzjoni, a differenza ta' kuntratti ohra, jigi approvat mill-Qorti wara li l-partijiet, debitament assistiti mill-konsulent legali rispettiv taghhom, jattendu ghal numru ta' seduti ta' medjazzjoni quddiem medjatur tal-familja, F'dan il-kaz il-partijiet kienu t-tnejn assistiti mill-konsulenti legali rispettiv taghhom, u jirrizulta li saru erba' seduti fl-istadju ta' medjazzjoni, sakemm intlahaq ftehim fuq il-kontenut tal-minuta. F'dawn ic-cirkostanzi partikolari ma hux verosimili li l-konsulent legali tal-attur ma ddiskutiex mal-istess attur il-kontenut tal-kuntratt u partikolarment l-portata u l-import tal-obbligazzjonijiet assunti mill-istess attur fuq il-kuntratt.

"It-talba tal-attur, biex il-kuntratt ta' separazzjoni jigi dikjarat null, billi l-kunsens tieghu kien vizzjat ma tirrizultax giustifikata u ghalhekk ma ghandhiex tigi milquha.

"Nuqqas iehor tal-attur huwa li jitlob in-nomina ta' espert gudizzjarju sabiex jirrelata fuq l-aspett mediku tal-allegazzjonijiet tal-attur.

"Rilevanti wkoll illi nonostante dak li xehed l-attur fuq l-istat mentali tieghu fiz-zmien rilvanti, fiz-zmien rilevanti l-attur jahdem kien fuq ir-rigs taz-zejt u jahdem baqa'. Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi ma tresqet l-ebda prova sodisfacenti li fil-mument li l-attur kien qed jiffirma l-kuntratt ma kellux il-kapacita' mentali li jaghraf x'inhu jaghmel.

"Il-Qorti ghalhekk tikkonkludi illi l-attur ma rnexxielux jipprova sodisfacentement illi meta iffirma l-kuntratt de quo kien afflitt minn infermita' mentali li ma thalliex jaghti kunsens validu ghall-kuntratt. Din il-kawzali ghalhekk qed tigi respinta.

"Ikkunsidrat;

"Fir-rigward tal-kawzali tal-attur li l-kuntratt huwa null ghaliex il-kunsens tieghu kien ivvizzjat minhabba vjolenza morali, il-Qorti hi tal-fehma illi din l-allegazzjoni ma gietx sostnuta mill-provi.

"**Artikolu 974 tal-Kap 16**;

> "Jekk il-kunsens ikun gie moghti bi zball, jew mehud bi vjolenza, jew b'ghemil doluz, ma jkunx jiswa."

"In tema legali gie kostantement ritenut illi sabiex il-kunsens jkun vizzjat minhabba vjolenza morali, tali vjolenza trid tkun tali illi tkun ir-raguni primarja ghaliex dak li jkun ta l-kunsens tieghu. Fis-sens illi minghajr tali vjolenza morali l-kunsens ma kienx jinghata. Kif gie ritentu fil-kawza fl-ismijiet "**Edgar G Soler vs H. H. Sir David Campbell noe**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Ottubru 1949, Vol XXXIII P II pp 431,:

> "Biex il-vjolenza morali tikkostitwixxi vizzju tal-kunsens li jwassal ghan-nullita' tal-kuntratt, hemm bzonn li dik il-vjolenza tkun il-kawza determinant tal-kuntratt, li l-kunsens ikun il-frott tal-vjolenza ezercitata biex jigi ottenut il-kunsens, u mhux biex jigi ottenut skop divers, u trid tkun ukoll l-opera tal-persuna li ezercitata biex totjeni dak il-kunsens."

"Fl-istess decizjoni saret riferenza ghall-kawza fl-ismijiet "**Rosario Bartolo vs Giovanni Bartolo**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Novembru 1935, Vol XXIX P II pp749, fejn ntqal;

> "Biex il-vjolenza morali tammonta ghall-vizzju fil-kunsens, hemm bzonn li tkun determinanti, ingusta,u gravi u tali li taghmel impressjoni fuq persuna ragionevoli u li tiggenera biza' li tesponi ingustament lill-persuna taghha jew il-gid taghha ghal dannu gravi. Il-kwistjoni jekk hemmx vjolenza hija indagni li hija imhollija interament fil-prudenza tal-giudikant."

“Fil-kawza fl-ismijiet “ **Maria Schembri et vs Gerolamo sive George Mizzi Agius et**” deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta’ ottubru 1960, ntqal;

> “Element indispensabbli biex il-vjolenza morali tinficja il-kunsens, huwa l-illegittimita’ taghha, li tippresupponi att illecitu; u sakemm ma tigix adoperata biex jittiehed vantagg superjuri ghal dak li jkun dovut, anki l-minaccja ta’ proceduri giudizzjarji li kreditur ikollu dritt jezercita, bhala massima, ma tannullax il-kuntratt.”

“Fil-kawza fl-ismijiet “**Joseph Cost Chretien vs Joseph C Borda**” deciza mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta’ Dicembru 1961 Vol. XLV P II pp 495, ntqal;

> “Difficilment jiftiehem kif il-fatt li kreditur juri l-hsieb tieghu li, jekk id-debitur ma jiffirmax kambjala konstatanti d-dejn tieghu, huwa jipprevalixxi ruhhu minn rimedju kawtelatorju sanzjonat mill-ligi, bhal ma hu mandat ta’ impediment tal-partenza, jista’ fin-nuqqas ta’ cirkostanzi ohra, jitqies bhala att ta’ vjolenza, li jinficja il-kunsens tad-debitur li jiffirma dik il-kambjala.”

“Fix-xhieda tieghu Dr Xuereb jghid hekk “But if you had to ask me was that contract signed under duress, sure and absolutely. So there is indeed, technically it is called “fight or flight response” at the time. Mr Carlo Bartolo was “in a fight or flight response” and this is an innate defence mechanism. When we are overwhelmed, when we cannot cope, we have a choice.” Dak li xehed Dr Xuereb jista’ prattikament japplika ghal kull kuntratt ta’ separazzjoni. Dawn huma kuntratti li min-natura taghhom huma ppubblikati fi sfond ta’ tensjoni bejn il-partijiet. Tali tensjoni ma twassalx ghar-rexxissjoni tal-kuntratt.

“Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tichad l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba’ , il-hames, is-sitt, is-seba’ u t-tmien talbiet attrici mmarkati mill-itra (a) sa l-itra (h).

“**Talba ghal Kura u Kustodja tat-tfal minur u Revoka Manteniment**

“Fid-disa’ talba tieghu [ markata (i)] l-attur qed jitlob li l-kura u kustodja tat-tlett itfal minuri ghandha tigi affidata lilu peress li jallega li l-konvenuta qed tghix hajja immorali minhabba li kkommettiet adulterju u li abbandunat l-istess tfal.

“Fl-ghaxar talba tieghu [ markata (j) ] l-attur jitlob li l-partijiet jergghu jintbaghtu ghall-medjazzjoni.

“Dawn huma l-unici talbiet attrici ghal modifika tal-istipulazzjonijiet kuntrattwali.

“L-attur jghid li l-konvenuta tahdem fil-bar gestit mis-sieheb attwali taghha u b’hekk mhux qed taghti kura lit-tfal tal-partijiet.

> "In tema legali ssir referenza ghall-gurisprudenza nostrana illi kostantement irriteniet illi huwa f'cirkostanzi eccezzjomali biss li l-Qorti ghandha tikkonsidra li tvarja obbligazzjonijiet kontrattwali specjalment fl-obbligu assunt fuq il-kuntratt ghall-hlas tal-manteniment, meta minn jkun obbligat li jhallas il-manteniment isib ruhhu fl-impossibilita' li jonora dan l-obbligu, ghal-ragunijiet li ma ghandux kontroll fuqhom, bhal infirmita' permanenti wara incident, li tipprekludih milli jibqa' jahdem.(Vide "**Carmelo Mallia vs Mary Helen Mallia**" deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' April 2016 u gurisprudenza hemm citata).
>
> Fil-fehma tal-Qorti l-provi mressqa mill-attur fir-rigward tad-disa' talba attrici ma humiex prova sodisfacenti li t-tfal qed jigu abbandunati minn ommhom. L-attur ma jaghti l-ebda spjegazzjoni kif qed jitlob li t-tfal jibdew jirrisjedu mieghu jekk ix-xoghol tieghu jiehdu barra minn Malta ghal nofs is-sena, Inoltre ghalkemm l-attur jallega li l-konvenuta qed tghix hajja immorali, ma tresqu l-ebda provi li jissostanzjaw tali allegazzjoni.
>
> "L-attur naqas ukoll milli jitlob li l-vuci tat-tfal tinstema.
>
> "Il-Qorti hi tal-fehma li ma jezistux l-estremi sabiex il-Qorti tbiddel ir-residenza tal-minuri mid-dar tal-omm ghad-dar tal-missier.
>
> "L-ghaxar talba attrici hija talba ghan-nomina ta' medjatur tal-familja, talba manifestament improponibbli u irritwali f'rikors guramentat.
>
> "**Decide.**
>
> "Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tichad it-talbiet attrici kollha.
>
> "Bl-ispejjez kontra l-attur."

Minn din is-sentenza appella l-attur, li oltre r-rikors tal-appell ipprezenta wkoll zewg rikorsi ohra fejn talab l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex jipproduci xhieda godda – ulied il-partijiet u l-psikologu Dr. John Mifsud. Ghalhekk il-Qorti se tittratta l-ewwel dawn it-talbiet. L-appellant dehrlu wkoll li ghandu jipprezenta "replica" ghar-risposta tal-appellata (li talbet il-konferma tas-sentenza) – u dan minghajr ebda awtorizzazzjoni tal-Qorti li ghalhekk tiddikjaraha irrita u qed tordna l-isfilz taghha.

**TALBA BIEX JIGU PRODOTTI XHIEDA GODDA**

L-Artikolu 208 tal-Kap. 12 jistipula illi:

> “208. (1) Ebda xhud li ma jkunx inġieb fil-qorti tal-ewwel grad, ma jista’ jinġieb fl-appell, ħlief –
>
> “(a) meta l-parti kuntrarja tagħti l-kunsens tagħha; jew
>
> “(b) meta, bil-ġurament jew b’mezzi oħra, jiġi ppruvat li l-parti li trid iġġib ix-xiehda ta’ dak ix-xhud ma kinitx taf biha, jew ma setgħatx, bil-mezzi li tagħti l-liġi, iġġib dak ix-xhud fil-qorti tal-ewwel grad; jew
>
> “(ċ) meta t-talba biex tinġieb ix-xiehda ta’ dak ix-xhud tkun saret u ġiet miċħuda quddiem il-qorti tal-ewwel grad, u l-qorti fi grad ta’ appell tkun ta’ fehma li dik ix-xiehda hija ammissibbli u rilevanti; jew
>
> “(d) meta l-qorti fi grad ta’ appell hija ta’ fehma li x-xiehda ta’ dak ix-xhud hija meħtieġa jew utli:
>
> “Iżda l-qorti, f’dan il-każ, tista’, fid-deċiżjoni dwar l-ispejjeż, tieħu qies tal-fatt li x-xhud ikun inġieb barra miż-żmien.”

Din il-Qorti wara li ezaminat l-atti, waslet ghall konkluzjoni li ghandha tichad dawn it-talbiet ghaliex ma tara ebda htiega li tisma’ dawn il-persuni. L-attur qed jitlob illi tigi dikjarata n-nullita` tal-kuntratt ta’ separazjoni konsenswali li gie pubblikat fl-2012; intavola din il-kawza sena wara. Matul il-kors tal-kawza ghazel li ma jtellax lill-imsemmi Dr. Mifsud ghaliex, skont hu, talbu dritt (fee) gholi hafna biex jaghmel dan. Ladarba ghamel din l-ghazla issa ma jistax jitlob li jtellghu ghax il-kawza ma marritx kif xtaq – li hija l-unika raguni biex jaghmel din it-talba. Ladarba kien jaf li Dr. Mifsud seta’ jghin il-kaz tieghu kien messu tellghu waqt is-smigh tal-kawza fl-Ewwel Istanza. (ara s-sentenza ta’ din il-Qorti

fl-ismijiet **Joseph Mifsud v. Daphne Caruana Galizia**, 3 ta' Dicembru 1997).

Kwantu ghall-produzzjoni ta' ulied il-partijiet anke hawn il-Qorti ma tifhimx kif l-appellant hass dan il-bzonn f'dan l-istadju. Din il-Qorti tista' biss tammetti li tisma' xhieda li ma nstemghux quddiem l-ewwel Qorti "*meta thoss in-necessita` ghall-konvinzjoni morali taghha*". (Sentenzi ta' din il-Qorti, fl-ismijiet **Savona v. Asphar**, 26 ta' Frar 1951 u **Portanier v. Attard**, 14 ta' Mejju 1951). Fil-kaz in ezami din il-Qorti ma thoss ebda necessita` simili.

It-talbiet kontenuti fir-rikorsi imsemmija huma ghalhekk respinti.

**AGGRAVJI TAL-APPELLANT**

L-appellant ressaq mhux inqas minn tmintax il-aggravju ghalkemm uhud minnhom setghu facilment gew raggruppati f'wiehed.

**L-ewwel aggravju** huwa li ladarba l-appellata kienet kontumacji l-appellant ma kellux ghalfejn jenfasizza aktar il-provi li ressaq. L-appellant donnu jrid jghid li minhabba l-isat ta' kontumacja tal-appellata, l-ewwel Qorti kellha taccetta l-provi li ressaq u tilqa' t-talbiet tieghu. Dan huwa tista' tghid il-*lietmotif* tal-appell kollu – l-appellant donnu ma jistax

jifhem kif l-ewwel Qorti cahdet it-talbiet tieghu meta l-appellata konvenuta kienet kontumacji u allura ma ressqitx provi hija stess. Ghall-kuntrarju il-Qrati taghna dejjem sostnew li l-kontumacja tfisser kontestazzjoni kif jidher minn dawn il-brani ta' sentenzi tal-Qrati taghna:

> "*Illi, kif gie deciż minn dawn il-Qrati għadd ta' drabi, il-kontumacja m'għandhiex titqies bħala stqarrija jew ammissjoni min-naħa tal-imħarrek għal dak li jkun qiegħed jintalab jew jiāi allegat kontrih mill-parti attrici: għall-kuntrarju, il-kontumaëja tqieset bħala kontestazzjoni , u l-bdil li sar fil-ligi procedurali fl-artikolu 158 bl-Att XXIV tal-1995 jidher li jtenni din il-fehma.* **Nelli Miceli v. Chrales Pisani**, 28 ta' Ottubru 2004, Prim Awla.

> "*Kontumacja tammonta ghal kontestazzjoni u mhux ghal semplici "walk-over" kif jippretendi l-appellant. Kif qalet l-ewwel Qorti, l-ahjar prova trid issir dejjem.*" **Joseph Vella v. Pierre Cremona** Appell, 10 ta' Ottubru 2004.

Kif gia` gie accennat huwa evidenti li l-appellant ihoss li kellu jinghata ragun ghaliex l-appellata ma setghetx tressaq provi hija stess u haseb li kellu "walk over" kif qalet din l-ahhar sentenza. Jghid infatti li "*ma kellux ghalfejn jelabora fic-cirkostanza li l-appellata kienet waqghet kontumacja*" – argument bla ebda bazi legali. **Dan l-aggravju ghalhekk huwa decizament respint.**

**It-tieni aggravju** huwa li l-appellant jinsisti li meta ffirma l-kuntratt huwa ma kienx f'kundizzjoni mentali idoneja biex jersaq ghall-kuntratt. Dwar dan l-appellant qed jitlob lil din il-Qorti biex tbiddel il-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti li kienet hi li semghet il-provi – dan meta din il-Qorti qalet diversi drabi illi: "*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-*

*diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti".* (Sentenza fl-ismijiet **Phyliss Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995). Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li "*Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor*"*.* Dan l-insenjament huwa segwit f'diversi sentenzi ohra bhal **Emanuel Cardona v. Dr Graham Busuttil,** Appell, 10 ta' Jannar 1995 u **Paul Formosa v. Salvu Debono**, Appell 5 ta' Ottubru 2001, u **Victor Camilleri v. Carmelo Camilleri,** Appell Inferjuri, 28 ta' Jannar 1994. Din il-Qorti ma tirraviza ebda raguni kif indikat biex tvarja il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti.

Bhala **tielet aggravju** l-appellant jilmenta illi l-ewwel Qorti "irriteniet li kellhom jittellghu xhieda bhal Dr Josianne Cutajar u Dr John Mifsud purke` dawn taw cerifikati lill-appelanti". L-ewwel Qorti ma qalitx hekk – qalet li dawn it-tobba ma gewx prodotti bhala xhieda u allura ma setghetx tiehu konjizzjoni tac-certifikati li ma kienux mahlufa.

L-appellant isemmi bhala **r-raba aggravju** il-fatt li peress li l-provi instemghu mill-assistent gudizzarju l-Qorti irrealizzat wara li huwa

ghalaq il-provi li c-certifikati gia` imsemmija ma gewx konfermati bil-gurament. Fuq dan l-appellant ma ghandu jwahhal f'hadd hlief fih innifsu – huwa stess kellu kull hin biex jirregola l-provi tieghu u nuqqas tieghu ma jistax jitfghu fi hdan il-Qorti.

**Il-hames, seba', tmien, ghaxar, hdax, tlettax, erbatax, hmistax, sittax, sbatax u tmintax-il aggravju** huma ripetizzjoni tal-ewwel zewg aggravji u allura din il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn izzid ma' dak li gia` qalet fir-rigward.

**Is-sitt aggravju** jirigwardja d-decizjoni tal-ewwel Qorti li tichad it-talba tieghu ghall-kura u kustodja tat-tfal – izda anke hawn il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li ma kien hemm ebda raguni biex tvarja dak li l-partijiet ftehmu fil-kuntratt ta' separazzzjoni konsenswali u lanqas hawn il-Qorti ma tara xi raguni biex tvarja din il-konkluzjoni mahsuba taghha.

**Id-disa' aggravju** jirrigwardja l-manteniment dovut ghat-tifla Naomi u jghid li din qed tahdem bi qliegh. Anke hawn pero` il-Qorti kull ma ghandha quddiemha hija allegazzjoni u **onus probandi incumbit ei qui dixit –** Artiklu 562 tal-Kap. 12.

**It-tnax-il aggravju** jirrigwardja dak li skont l-appellant kien in-nuqqas ta' gudizzju mill-Qorti fuq il-fatt li huwa xtaq jitlob ghal divorzju. Madankollu

din il-Qorti xtarret it-talbiet tieghu fl-att promotur u ma sabet ebda talba simili u huwa evidenti li l-Qorti ma tistax takkordalu dak li huwa ma talabx.

Finalment bhala **dsatax-il aggravju** l-appellant jilmenta li gie akkollat l-ispejjez tal-kawza u jghid li ghamel li seta' biex jevita spejjez. Huwa pero` evidenti li l-Qorti takkolla l-ispejjez skont ir-rebh u telf u bhala tellief huwa car li jrid ibati l-ispejjez anke ta' dan l-appell. (Artikolu 223 tal-Kap. 12).

Fl-ahharnett il-Qorti jidhrilha illi ghandha ticcita parti minn sentenza ta' din il-Qorti stess fl-ismijiet **Vella v. Cremona** fuq citata li tapplika perfettament ghal dan il-kaz:

> "*Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-Qorti ta' l-ewwel grad kienet gustifikata li tigbed u tasal ghall-konkluzjoni li l-attur appellant ma ressaqx provi sufficjenti in sostenn tat-talbiet tieghu. Il-kontumacja ma tehlisx lill-attur milli jissodisfa rrekwizit tal-ligi li jressaq provi sal-grad almenu ta' probabilita` u li jressaq l-ahjar prova. Mill-ftit li rnexxielu "jaghmel" il-konvenut, l-attur kien messu rrealizza li l-provi tieghu in kwantu bazati biss fuq dikjarazzjoni unika tieghu kienu insufficjenti. Il-Qorti ta' l-ewwel grad, in ezercizzju tad-diskrezzjoni fdata lilha, dehrilha li l-attur seta' facilment jipprezenta provi ahjar pero` huwa ghazel li ma jaghmilx dan u ghahekk dehrilha li ma kienx gust li tilqa' t-talbiet tieghu ghaliex b'hekk hija "tkun qeghda thalli lill- attur jiehu vantagg mhux xieraq mill-kontumacja tal-konvenut jekk toqghod fuq il-kelma ta' l-attur biss". F'dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti ma thossx li ghandha tissostitwixxi d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti b'dik taghha billi tiddisturbaha bl-iskop li tirrevokaha jew tibdilha. Ma hemm ebda gustifikazzjoni biex dan isir.*"

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-appell billi tichdu u tikkonferma interament is-sentenza appellata; l-appellant ghandu jhallas ukoll l-ispejjez ta' dan l-appell.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df